# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. EDWINA GRIMA LL.D.**

**Seduta tat-30 ta' Settembru 2015**

**Appell Numru: 120/2012**

**JOSEPH SPITERI**

**VS**

**IL-KUMMISSARJU TAT-TAXXA**
**FUQ IL-VALUR MIZJUD**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni moghtija mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tat-28 ta' Ottubru 2013 fejn il-Bord ippronunzja is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

" ***It-Tribunal,***

*Ra r-Rikorsipprezentat minn JOSEPH SPITERI fid-29 ta' Novembru 2010 quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal, ai termini ta' l-Artikolu 44(i), (j) u (k) tal-*

*Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' liema jitlob li l-bilanc ta' sitta u sttin elf sitt mija wiehed u disghin Euro u tmienja u sebghin centezmu (€66,691.78) minnu dovut lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud saz-zmien tal-prezentata tar-Rikors jinhafer in toto jew ghall-inqas jitnaqqas pietatis kawza u dana billi huwa: (a) social case; (b) ghandu redittu baxx; u (c) huwa pensjonant li ghandu a karigu tieghu lil martu anzjana u lil huwa li huwa inkapacitat kif ukoll li jsostni lil bintu li ghandha zewgt itfal dizabili;*

*Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur a fol. 8 sa' 1 tal-process;*

*Ra r-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) permezz ta' liema jopponi ghat-talba tar-Rikorrent u jitlob li l-istess tigi michuda stante li: (i) hija r-responsabilità tar-Rikorrent li jissottometti d-denunzji tieghu fil-hin u bil-pagament kif stipulat fl-Artikolu 27 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) il-hlasijiet li jsiru mir-Rikorrent huma regolati ai termini ta' l-Artikoli 67(1),(2) u (3) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta b'dana li ladarba huwa soggett ghall-hlas ta' imghax u penalitajiet amministrattivi li ma jkunux thallsu, mill-pagamenti ricevuti l-ewwel li jithallsu huma appuntu l-imghax u l-penalitajiet amministrattivi u mir-rimanenti bilanc tithallas it-taxxa dovuta; (iii) filwaqt li jaghder u jissimpatizza mar-Rikorrent, tant illi hafirlu l-multi relatati mas-sottomissjoni tardiva tad-denunzji tat-taxxa, ma jistax jahfirlu l-short payment penalty u l-imghax u dana billi fl-ewwel lok mit-taxxa migbura minnu r-Rikorrent qatt ma seta' jiffinanzja t-transazzjonijiet personali tieghu in kwantu tali flejjes ma kienux tieghu izda kellhom jghaddu direttament ghand id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u fit-tieni lok in-nuqqas ta' fondi ma hijiex skuza ragjonevoli u dana ai termini ta' l-Artikolu 42(2)(a) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta; u li ghalhekk (iv) it-talba ghall-ammont dovut minnu avvanzata fil-konfront tar-Rikorrent hija gusta u jisthoqqilha konferma;*

*Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) markati Dok. "A" sa' Dok. "E" a fol. 30 sa' 42 tal-process;*

*Sema' x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Ottubru 20121 u ra id-dokumenti esebiti minnu waqt l-imsemmija seduta markati Dok. "JS1" sa' Dok. "JS3" a fol. 21 sa' 24 tal-process, sema' x-xhieda tat-Tabib Dr. Francis Agius2 u ta' Nazzareth Abela3 moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Jannar 2013, ix-xhieda ta' Roderick Sultana4, ta' Sister Roberta Spiteri5 u ta' Father Mario Borg6 moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' April 2013, ra d-dokumenti esebiti minn Roderick Sultana markati Dok. "RS1" sa' Dok. "RS3" a fol. 77 sa' 107 tal-process, sema' x-xhieda ta' Lourdes Briffa in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) moghtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2013;*

*Sema' s-sottomissjonijiet orali da parte tad-Difensuri tal-partijiet kontendenti u ra s-sentenza fl-ismijiet "Avukat Lorraine Conti noe v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" Appell Nru. 47/11 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Frar 2012 u sentenza fl-ismijiet "Francis Tirchett pro et noe et v. kummissjunarju Elettorali Principali et" Rikors Nru. 167/06 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Gunju 2007 li ghalihom ghamel referenza r-Rikorrent waqt it-trattazzjoni orali;*

*Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;*

***Ikkonsidra:***

*B' ittra datata 3 ta' Frar 20107 ir-Rikorrent, tramite l-Avukat tieghu Dr. Robert Attard, talab lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud sabiex jezercita s-setghat diskrezzjonali tieghu ghall-fini li jghinu johrog mis-sitwazzjoni li jinsab fiha, u cioè li ghar-ragunijiet indikati f'dik l-ittra ma huwiex f'qaghda finanzjarji tali li tippermettilu jhallas l-ammonti pretizi minghandu mill-*

*Kummissarju. Fl-imsemmija ittra l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud gie infurmat li l-klijent tieghi qed jaghmel l-ahjar li jista' sabiex jaghmel xi hlasijiet, ninfurmak illi l-klijent tieghi huwa 'social case' u ghandi dubbi serji jekk proceduri legali kontra l-klijent tieghi qatt jistghu jilhqu l-ghanijiet tieghek. Il-klijent tieghi huwa pensjonant b'redittu baxx hafna. Ghandu a kariku tieghu lil martu anzjana u huwa nkapacitat. Biex terga u taghqad jehtieg illi jsostni lil bintu li ghandha zewgt itfal dizabili. In risposta ghal dik it-talba l-Kummissarju gharraf lir-Rikorrent, permezz ta' ittra datata 2 ta' Novembru 2010 indirizzata lill-Avukat Dottor Robert Attard8, li wara li d-Dipartiment ra l-kaz tal-klijent tieghek ikkunsidra li jikkancella xi penali talli xi denunzji gew mibghuta tard fid-Dipartiment. Ghaldaqstant, il-multa ghall-perijodu minn 01.10.04 sa' 31.12.04 u l-multi minn 01.01.05 sa' 30.09.05 li kienu jammontaw ghal €232.94 gew ikkancellati. Il-penali tas-'short payment' ma jistghux jigu kkancellati. Il-bilanc fil-kont tal-klijent tieghek li sa' llum qed jaqra €66.691.78 huwa dovut lid-Dipartiment.*

*Peress illi r-Rikorrent hass ruhu aggravat b'dik ir-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud huwa rrefera l-kwistjoni lill-Bord ta' l-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, in segwitu trasferita quddiem dan it-Tribunal, ai termini ta' l-Artikolu 44(i), (j) u (k) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, u jitlob li jinhafirlu jew ta' l-inqas jitnaqqas il-bilanc minnu dovut lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), li sad-data tal-prezentata tar-Rikors promotur kien jammonta ghal €66,691.78, stante: (i) li huwa social case; (ii) li ghandu redittu baxx; u (iii) li huwa pensjonant li ghandu a karigu tieghu lil martu anzjana u lil huwa li huwa inkapacitat kif ukoll li jsostni lil bintu li ghandha zewgt itfal dizabili, u dan kif già mgharraf lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud permezz ta' l-imsemmija ittra datata 3 ta' Frar 2010.*

*Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), jopponi ghat-talba tar-Rikorrent u jitlob li din tigi michuda u minflok l-ammont minnu pretiz minghand ir-Rikorrent jigi dikjarat gust u b'hekk ikkonfermat. Il-Kummissarju jibbaza l-opposizzjoni tieghu ghat-talba tar-Rikorrent fuq il-premessi li (i) hija r-responsabilità tar-Rikorrent li jissottometti d-denunzji tieghu fil-hin u bil-pagament kif stipulat fl-Artikolu 27 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) il-hlasijiet li jsiru mir-Rikorrent huma regolati ai termini ta' l-Artikoli 67(1),(2) u (3) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta b'dana li ladarba huwa soggett ghall-hlas ta' imghax u penalitajiet amministrattivi li ma jkunux thallsu, mill-pagamenti ricevuti l-ewwel li jithallsu huma appuntu l-imghax u l-penalitajiet amministrattivi u mir-rimanenti bilanc tithallas it-taxxa dovuta; u li (iii) filwaqt li jaghder u jissimpatizza mar-Rikorrent, tant illi hafirlu l-multi relatati mas-sottomissjoni tardiva tad-denunzji tat-taxxa, ma jistax jahfirlu l-short payment penalty u l-imghax u dana billi fl-ewwel lok mit-taxxa migbura minnu r-Rikorrent qatt ma seta' jiffinanzja t-transazzjonijiet personali tieghu in kwantu tali flejjes ma kienux tieghu izda kellhom jghaddu direttament ghand id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u fit-tieni lok in-nuqqas ta' fondi ma hijiex skuza ragjonevoli u dana ai termini ta' l-Artikolu 42(2)(a) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*In sostenn tat-talba tieghu r-Rikorrent, oltre li xehed huwa stess, ressaq diversi xhieda fosthom it-Tabib Dr. Francis Agius, bintu JOSEPH SPITERI, Sister Roberta Spiteri u Father Mario Borg, kif ukoll Roderick Sultana in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud). Filwaqt li bix-xhieda tat-Tabib Francis Agius u ta' bintu r-Rikorrent jindirizza l-premessi attwali fuq liema jibbaza r-referenza tieghu lil dan it-Tribunal, bix-xhieda tieghu – jew ghall-inqas bil-maggor parti tax-xhieda tieghu – u bix-xhieda ta' Sister Roberta Spiteri u ta' Father Mario Borg, huwa kjarament qed jipprova jerga' jiftah kwistjoni – ossia l-korrettezza o meno ta' l-istimi mahruga mill-*

*Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-konfront tieghu ghall-perijodi ta' taxxa bejn 01.01.2000 sa' 31.12.2002 – già trattata u determinata mill-Bord ta' l-Appell dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud b'decizjoni moghtija fid-9 ta' Settembru 20089, liema decizjoni giet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Appell mill-Bord Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud) b'sentenza pronuncjata fit-30 ta' Jannar 200910.*

*Fix-xhieda tieghu r-Rikorrent inter alia jiddikjara li jiena xogholi kien ta' mastrudaxxa. Bhala livell ta' skola nghid li la naf nikteb u lanqas naqra, fil-fatt lanqas naf nikteb ismi. Niftakar li fi zmien kienu baghtu ghalija d-dipartiment il-Marsa u meta wasalt hemm sibt lis-Sur Borg li kien talabni biex nehodlu l-files ta' l-ghaxar snin precedenti ghal dak iz-zmien. Jiena mort lura u sibtlu dak li stajt u fil-fatt kelli tlettax-il file. Wara li kkonsenjajtilhom il-files kienu regghu baghtu ghalija u qaluli li kellhom bzonn spjegazzjoni ahjar tan-negozju tieghi, allura ftehmna biex jigu l-garaxx biex jaraw l-affarijiet taghhom bhala fatt kienu gew ufficjali tad-dipartiment u konna tkellimna dwar kollox. Qabel ma telqu minghandi kienu qaluli li kollox sew, madanakollu wara rrizulta li l-affarijiet ma kienux sew ghaliex imbaghad xorta hargu assessment fil-konfront tieghi. Jien lil dawn l-ufficjali kont spjegajtilhom li biex per ezempju tahdem gwardarobba tiehu tmien folji, kont ghedtilhom li jien kont nahdem ghas-sortijiet ta' l-Ursolini u spjegajtilhom li ghalkemm f'hafna okkazzjonijiet kienu jhallsuni tal-materjal ma kienux ihallsuni ta' idejja. Ghalkemm kitbu dan kollu meta gew imbaghad biex jevalwaw l-affarijiet ghamlu hafna affarijiet li ma kienux suppost. Jiena kont nahdem hafna ghas-sortijiet, ghall-muzewijiet u anke ghall-knejjes fejn hafna drabi kont nithallas tal-materjal u mhux tax-xoghol ta' idejja. Ghalkemm il-kaz tieghi quddiem il-Bord tal-Kummissarji Specjali kif ukoll quddiem il-Qorti ta' l-Appell tliftu, jien niddikjara li jien qatt ma hawwadt fit-taxxa. Jien qatt ma gbart flus u ma ddikjarajthomx ma' tal-VAT. Jiena meta thallast ghax-xoghol li nkun ghamilt dejjem iccargjat il-VAT, per ezempju jekk*

*kien jigi xi hadd ghandi u jiehu xoghol li jiswa Lm400, jien kont inzomm il-VAT li dak iz-zmien kienet bil-15% u allura l-ircevuta naghmilhielu ghal Lm460. ... Meta jiena kont mort id-dipartiment u kont niehu l-karti hemm persuna li kien qalli li ma kellix x'naghti aktar lill-VAT. Dan però kien fi zmien qabel ma nghataw is-sentenzi fil-konfront tieghi, ghalhekk ma nistax nifhem kif issa qed nigi ccargjat il-multi u l-imghaxijiet. Jien lil tat-taxxa ghadni ma hallasthomx ghar-raguni li ma ghandix minn fejn. Jien illum nghix bil-pensjoni, ghandi 67 sena u ilni fil-fatt fuq il-pensjoni minn mindu ghalaqt 61. Jien kull xahar indahhal pensjoni ta' €503. Apparti l-pensjoni jien niehu l-bonus ta' kull 6 xhur u fil-Milied kif ukoll xi haga ohra maghhom li jien qed niddefiniha bhala stipendju u allura b'kollox f'sena ghandi madwar €7,000 Euro. Jien ghandi wkoll naghti lill-Korporazzjoni tad-Dawl u Ilma u ghandi naghtihom €1,10011.*

*Fix-xhieda taghhom Sister Roberta Spiteri12 u Father Mario Borg13 entrambe ddikjaraw li bejn is-sena 2000 u s-sena 2002, ossia s-snin li ghailhom jirreferu l-istimi mertu tal-proceduri già determinati mill-Bord ta' l-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u kkonfermati mill-Qorti ta' l-Appell, ir-Rikorrent kien ghamlilhom xi xoghol ghal liema xoghol kien izommilhom biss tal-materjal u xejn jew kwazi xejn ghax-xoghol ta' idejh.*

*Kif già osservat dan kollu juri bic-car li r-Rikorrent qed jipprova jerga' jiftah il-kwistjoni ormai già determinata bid-decizjoni mill-Bord ta' l-Appell dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud b'decizjoni moghtija fid-9 ta' Settembru 2008, liema decizjoni giet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Appell mill-Bord Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud) b'sentenza pronuncjata fit-30 ta' Jannar 2009, dwar il-korrettezza o meno ta' l-istimi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-konfront tieghu ghall-perijodi ta' taxxa bejn 01.01.2000 sa' 31.12.2002. Dan it-tentattiv tar-Rikorrent però ma jistax jirnexxi u bla dubju ta' xejn huwa destinat li jfalli stante li il-procedura tar-referenza kif kontemplata*

*fl-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta ma hijiex u qatt ma kienet intiza biex tikkostitwixxi possibilità ulterjuri ta' appell iehor jew ulterjuri minn stimi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud wara li t-taxpayer ikun già appella minn dik l-istima jew dawk l-istimi ai termini ta' l-Artikolu 43 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta (originarjament quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u llum quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva) u jerga' appella mid-decizjoni tal-Bord/Tribunal skond il-kaz ghal quddiem il-Qorti ta' l-Appell kompetenti ai termini ta' l-Artikolu 47 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Una volta li jkun sar l-appell mill-istima jew stimi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), ai termini ta' l-Artikolu 43 u, jekk ikun il-kaz, ai termini ta' l-Artikolu 47 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, il-kwistjoni dwar il-korrettezza o meno ta' tali stimi tkun saret finali u konklussiva u ma tistax u ma ghandhiex terga' tinfetah permezz tal-procedura tar-referenza a tenur ta' l-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta. Kwalunkwe interpretazzjoni mod iehor ma sservi ghal xejn hlief li tistultifika l-process ta' appelli minn stima jew stimi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), u tirrendi r-rwol ta' dan it-Tribunal u tal-Qorti ta' l-Appell kompetenti fil-qafas tad-dritt ta' appell minn stima jew stimi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghal kollox inutili w irrilevanti.*

*Trattata din il-kwistjoni huwa evidenti li r-Rikorrent qed jindirizza dawn il-proceduri wkoll fir-rigward tal-penali amministrattiva w imghaxijiet relattivi imposti fuqu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u jikkontendi li dawn ghandhom jinhafrulu ghaliex huwa social case, ghandu redittu baxx u*

*huwa pensjonant li ghandu a karigu tieghu lil martu anzjana u lil huwa li huwa inkapacitat kif ukoll li jsostni lil bintu li ghandha zewgt itfal dizabili.*

*Mill-atti processwali johrog car li l-penali amministrattiva w imghax relattiv mertu ta' din ir-referenza hija l-short payment penalty u l-imghax marbut maghha stante li: (i) l-underdeclared penalty imposta fuq ir-Rkorrent giet hekk imposta b'konsegwenza ta' l-istimi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), u bhala tali ma tistax issir referenza minnha kif provdut fl-Artikolu 44(k) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta; u (ii) il-penali talli xi denunzji gew mibghuta tard lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ossia l-penali ghall-perijodu 01.10.04 sa' 31.12.04 u ghall-perijodu 01.01.05 sa' 30.09.05 ammontanti ghal €232.94, gew mahfura.*

*L-Artkolu tal-Ligi li huwa rilevanti w applikabbli fil-kaz in ezami huwa l-Artkolu 42 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta li jittratta dwar dawk is-sitwazzjonijiet fejn il-Kummissarju u konsegwentement anke dan it-Tribunal jista' jahfer jew inaqqas xi penali amministrattiva li ghaliha jkun soggett taxpayer. Fis-subartikolu (1) l-imsemmi Artikolu 42 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 37 sa' 41, it-tnejn inkluzi – (a) l-ebda penali amministrattiva ma ghandha tkun dovuta minn persuna ghal xi nuqqas jekk dik il-persuna turi li jkun hemm skuzanti ragonevoli ghal dak in-nuqqas; (b) jekk persuna ma turix li hemm skuzanti ragonevoli ghal xi nuqqas, izda l-Kummissarju jkun tal-fehma li n-nuqqas irrizulta minn cirkostanzi partikolari li jkun jisthoqqilhom tnaqqis tal-penali amministrattiva, huwa jista', fid-diskrezzjoni tieghu, jahfer parti mill-penali amministrattiva ghal dak in-nuqqas; (c) jekk il-Kummissarju jkun tal-fehma li dak in-nuqqas irrizulta minn zball genwin huwa jista' jahfer ghal kollox jew parti mill-penali amministrattiva ghal dak in-nuqqas; (d) l-ebda penali*

*amministrattiva ma ghandha tkun dovuta skond l-artikolu 38 meta denuzja mehtiega li ssir skond l-artikolu 27 jew dikjarazzjoni mehtiega li ssir skond l-artikolu 30(1) tkun mibghuta b'mezz elettroniku permezz tal-portal elettroniku hekk indikat ghal dan il-ghan mill-Kummissarju, flimkien mal-hlas dovut fuq id-denunzja, mhux aktar tard minn sebghat ijiem mid-data li tali denunzja jew dikjarazzjoni kellha tkun mibghuta skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.*

*Peress illi l-Artikoli 37 sa' 40 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta lkoll jipprovdu ghall-imposizzjoni ta' penali amministrattiva ghal diversi tipi ta' nuqqasijiet – ossia penali amministrattivi ghal denunzja li ma tkunx korretta (Art. 37), penali amministrattiva ghal hlas bin-nieqes jew taxxa stmata taht l-artikolu 12 (Art. 37A)14, penali amministrattiva fin-nuqqas li tintbaghat denunzja jew dikjarazzjonijiet jew stqarrijiet (Art. 38), penali amministrattiva fin-nuqqas ta' hlas ta' taxxa dikjarata (Art. 38A)15, penali amministrattiva fin-nuqqas fl-applikazzjoni ghar-registrazzjoni jew l-ghoti ta' avviz (Art. 39) u penali amministrattiva ghal nuqqas minn kull persuna registrata taht l-Artikolu 11 (Art.40) – huwa evidenti li l-iskuza ragjonevoli, ic-cirkostanzi partikolari li jistghu jigu kkunsidrati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jew it-Tribunal, jew l-izball genwin, skond il-kaz, kontemplati fl-Artikolu 42(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jridu jkunu relatati ghal u man-nuqqas li ta lok ghal dik il-penali amministrattiva partikolari u mhux mar-raguni ghaliex it-taxpayer issa ma huwiex f'posizzjoni jhallas il-penali amministrattiva hekk imposta fuqu u l-imghax relattiv. Dan ifisser ghalhekk li fil-kaz in ezami t-Tribunal irid ikun sodisfatt li hemm raguni valida, u dana entro l-parametri ta' l-Artikolu 42 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, ghan-nuqqas da parte tar-Rikorrent li ta lok ghall-imposizzjoni tal-penali amministrattiva imposta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ossia li hemm raguni valida ghal short payment tat-*

*taxxa dovuta mir-Rikorrent u minnu precedentement migbura minghand il-klijenti tieghu.*

*Il-short payment penalty tiskatta meta jkun hemm stimi mhux imhallsa u denunzji li jkunu gew sottomessi mit-taxpayer bit-**taxxa hekk kif dikjarata mill-istess taxpayer fid-denunzji tieghu mhux imhallsa jew b'parti biss imhallsa** – kif del resto ikkonfermat li kien il-kaz in ezami da parte ta' Lourdes Briffa, rapprezentant tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), li waqt is-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2013 in risposta ghall-mistoqsija tat-Tribunal jigifieri short payment dak li ddikjara huwa stess ma hallasx up to that amount imma hallas anqas? irrispondiet ezatt allura minhabba li kienet **taxxa migbura16** minghand in-nies li ma ghaddietx ghand id-dipartiment ma stajniex nahrufhom.*

*Kif già iktar 'l fuq osservat ir-Rikorrent jikkampa r-raguni ghal tali short payment tat-taxxa da parte tieghu fuq il-fatt li huwa social case, li ghandu redittu baxx u li huwa pensjonant li ghandu a karigu tieghu lil martu anzjana u lil huwa li huwa inkapacitat kif ukoll li jsostni lil bintu li ghandha zewgt itfal dizabili. Jibda biex jigi osservat li l-fatt li llum jew ahjar b'effett mill-2006 – skond ma jirrizulta mix-xhieda ta' l-istess Rikorrent – ir-Rikorrent huwa pensjonant, ftit li xejn ghandu x'jaqsam u jista' jiggustifika l-short payment tat-taxxa fiz-zmien meta kellhom jidhlu d-denunzji tieghu ghal dawk li l-perijodi fejn kien ghadu jopera n-negozju tieghu, liema zmienijiet jirrizultaw b'mod car mid-dokument Dok. "RS3" esebit minn Roderick Sultana a fol. 87 sa' 105 tal-process u kienu appuntu qabel iz-zmien meta huwa irtira mix-xoghol. In kwantu rigwarda c-cirkostanzi l-ohra imsemmija mir-Rikorrent li skontu jirrenduh a social case, it-Tribunal ma jridx jimminimizza certa diffikultajiet li jista' ghandu r-Rikorrent però ma huwiex affattu konvint li l-istess effettivament irenduh a social case kif minnu affermat.*

*Fix-xhieda tieghu r-Rikorrent isostni li huwa jmantni sitta min-nies bi tlieta minnhom, hu l-mara w ulied bintu, isofru minn dizabilità ta' certa portata: jien id-dar mieghi apparti l-mara ghandi jghix maghna wkoll lil hu l-mara li huwa handicapped u jiena b'kollox niehu hsieb jigifieri mmantni sitta min-nies. Apparti l-mara u lil huwa mmantni wkoll lit-tifla u zewgt itfal taghha li huma tewmin li huma disabled ukoll. Bl-istess mod fl-ittra lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 3 ta' Frar 2010 is-sitwazzjoni tar-Rikorrent giet deskritta b'dan il-mod: il-klijent tieghi huwa pensjonat b'redittu baxx hafna. Ghandu a karigu tieghu lil martu anzjana u huwa nkapacitat. Biex terga' u taghqad jehtieg illi jsostni lil bintu illi ghandha zewgt itfal dizabili. Mill-provi prodotti mir-Rikorrent però tirrizulta verità kemm xejn differenti minn dik minnu esposta kemm lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kif ukoll lil dan it-Tribunal.*

*Jibda biex jinghad illi kuntrarjament ghal dak minnu affermat ir-Rikorrent ma jmantnix – fil-veru sens tal-kelma – lil bintu u lil uliedha izda jaghti xi forma ta' ghajnuna meta jkun jista'. In effetti mix-xhieda ta' Nazzareth Abela, bint ir-Rikorrent, jirrizulta li hija mizzewga bir-ragel jahdem u tircievi wkoll il-children's allowance tat-tfal u meta kellha bzonn ammont ta' flus biex setghet siefret lil uliedha ghal skopijiet medici – liema ammont fi kliemha stess kien ta' circa €8,000 – hija rceviet ghajnuna minghand il-pubbliku wkoll u mhux minghand il-familjari taghha biss17. Mix-xhieda tat-Tabib Dr. Francis Agius18 jirrizulta li l-ghajnuna li nghatat Nazzareth Abela ghall-bzonnijiet medici ta' uliedha kemm mill-komunità kif ukoll mill-Gvern kienet notevoli ghaliex fi kliemu stess il-komunità irrejagixxiet bl-iktar mod posittiv. It-Tribunal bl-ebda mod ma jrid jimminimizza l-problemi li Nazzareth Abela u zewgha qed jiffaccjaw minhabba l-istat ta' sahha ta' uliedhom izda ma huwiex affattu konvint li r-Rikorrent verament igorr dak il-piz kollu li jghid li jgorr fir-rigward ta' dawn iz-zewgt itfal. Apparte minhekk jigi osservat li ulied Nazzareth Abela*

*twieldu fit-23 ta' Settembru 200219 u l-problemi ta' sahha taghhom bdew jimmanifestaw ruhhom meta kellhom bejn 8/12–il-xahar, ossia ghall-habta ta' nofs is-sena 2003, izda mid-dokument Dok. "RS3" a fol. 87 sa' 105 tal-process jirrizulta ir-Rikorrent kien già waqaf jeffettwa pagamenti lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud relattivi ghad-denunzji tieghu, ossia già kien hemm short payment da parte tieghu, sa' mill-**15 ta' Awwissu 2002** jigifieri già minn qabel ma kienu twieldu wlied bintu.*

*Ghalkemm ir-Rikorrent jghid li jrid imantni lil hu l-mara li ghandu dizabilità ta' certa portata jirrizulta li* **finanzjarjament** *din il-persuna ma hijiex ghal kollox dipendenti fuq ir-Rikorrent – b'dana li allura jbaghtu finanzjarjament ukoll l-istess Rikorrent u martu – kif qed jimplika r-Rikorrent ghaliex mix-xhieda li ta r-Rikorrent stess waqt is-seduta tal-25 ta' Ottubru 2012 jirrizulta li hu martu jircievi pensjoni u mix-xhieda li ta t-Tabib Francis Agius jirrizulta li parti mill-kura li jehtieg dan ir-ragel tinghata mis-servizz pubbliku bla hlas. Hawn ukoll it-Tribunal ma jridx jimminimizza l-problemi li ghandu hu l-mara tar-Rikorrent izda ghal darb' ohra ma huwiex konvint li l-istat ta' sahha tieghu kienet ir-raguni ewlenija jew wahda mir-ragunijiet ewlenin ghalfejn sa' mill-15 ta' Awwissu 2002 ir-Rikorrent waqaf jeffettwa pagamenti lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud relattivi ghat-taxxa minnu migbura minghand in-nies fil-kors tan-negozju tieghu u minnu ddikjarata fid-denunzji tieghu. Di fatti mic-certifikat rilaxxjat mit-Tabib Dr. Francis Agius u esebit mir-Rikorrent bhala Dok. "JS3" a fol. 23 tal-process jirrizulta li r-Rikorrent u martu kienu ilhom jiehdu hsieb lil Eugenio Camilleri – hu l-mara tar-Rikorrent – sa' mill-1998, izda din il-kura w attenzjoni ma jidhirx li sa' qabel il-15 ta' Awwissu 2002 kienet tohloq problemi lir-Rikorrent biex ihallas lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud it-taxxa minnu stess iddikjarata fid-denunzji tieghu u dan kif johrog car mill-precitat dokument Dok. "RS3" a fol. 87 sa' 105 tal-process. B'hekk jigi ribadit li l-kura w attenzjoni li ghandu bzonn Eugenio Camilleri ma*

*hijiex ir-raguni ewlenija jew wahda mir-ragunijiet ewlenin ghalfejn sa' mill-15 ta' Awwissu 2002 ir-Rikorrent waqaf jeffettwa pagamenti lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.*

*Ghalkemm it-Tabib Dr. Francis Agius iccertifika li fl-2008 ir-Rikorrent kien qed ibaghti minn depression izda hawn mill-gdid jigi osservat li short payment da parte tar-Rikorrent kien ilu li beda sa' mill-15 ta' Awwissu 2002 jigifieri fi zmien meta huwa kien ghadu qed jahdem u ferm qabel ma jirrizulta li beda jsofri minn depression. Fattur iehor li ipoggi fid-dubju l-veracità ta' dak affermat mir-Rikorrent hija l-osservazzjoni tat-Tabib Dr.Francis Agius, li huwa t-Tabib tal-familja tar-Rikorrent u midhla sew taghhom u tad-dar taghhom, dwar l-istat tar-Rikorrent u l-familja tieghu, fejn jghid li din hija average. Average household20. Mhux se nghid li hemm faqar però mhux ha nghid li hemm lussu.*

*Fattur iehor li serjament jimpingi fuq il-kredibilità tar-Rikorrent jirrizulta mix-xhieda li ta l-istess Rikorrent waqt is-seduta tal-25 ta' Ottubru 201221 fejn iddikjara li jiena bhala vettura ghandi van ta' xi 25 sena u kif ukoll dar li hija sitwata Haz-Zabbar u din id-dar nghid li hija piuttost kbira.* ***Ghalkemm nghix f'din id-dar m'ghadnix proprjetarju taghha ghax madwar tmien jew disa' snin ilu bieghet lil certu Abela minn Haz-Zabbar stess, u kont bieghjtha ghall-prezz ta' Lm40,000, u mifthemin li jkun jista' jiehu pussess tad-dar malli jien u l-mara immutu. Dan Abela ma kienx hallasni kollox f'salt imma kien jaghtihomli ftit ftit. Jiena però llum il-gurnata m'ghandi xejn aktar x'niehu minn ghandu22.*** *Jidher ghalhekk li bejn l-2003/2004 u l-2012 ir-Rikorrent dahhal is-somma ta' Lm40,000, illum ekwivalenti ghal €93,174.94, li certament setghet tghinu fil-bzonnijiet personali tieghu u f'li puntwalment jaqdi l-obbligi tieghu fil-konfront tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, izda*

*dan ghal raguni li baqghet ghal kollox bla spjegazzjoni logika u gustifikata da parte tar-Rikorrent, ma jidhirx li gara.*

*Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal ma jqisx li r-Rikorrent irnexxielu jressaq skuzanti ragjonevoli ghan-nuqqas tieghu li ta lok ghall-short payment penalty imposta fuqu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ossia ma rnexxilux jaghti skuzanti ragjonevoli ghall-fatt li flus li huwa kien gabar minghand in-nies versu l-hlas tal-VAT, kif del resto minnu stess dikjarat fid-denunzji tieghu, baqa' ma ghaddihomx lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Ghalkemm jirrizulta li llum ir-Rikorrent jista' ghandu xi problemi finanzjarji u nuqqas ta' fondi biex ihallas dak minnu dovut lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), tali fatt ai termini tal-Ligi - senjatament ta' l-Artikolu 42(2)(a) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta - ma jikkostitwixxix skuzanti ragjonevoli ai termini ta' l-Artikolu 42(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta in bazi ghal liema l-penali amministrattiva imposta fuqu w imghax relattiv jistghu jigu mahfura.*

*Ghal kull buon fini jigi osservat li mill-ittra tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 2 ta' Novembru 201023 jirrizulta li ghalkemm fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz gew ikkancellati xi penali imposti fuq ir-Rikorrent talli xi denunzji gew sottomessi tard lid-Dipartiment, il-Kummissarju ma jistax jikkancella l-penali ghall-short payment stante li kif jirrizulta kemm mir-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) kif ukoll mix-xhieda ta' Lourdes Briffa moghtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2013, tali penali giet imposta proprio ghaliex ir-Rikorrent effettivament naqas milli jhallas ammonti minnu migbura minghand in-nies u attwalment dovuti lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Fil-fehma tat-Tribunal id-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud moghtija fl-ittra tat-2 ta' Novembru 2012 taqa' entro l-parametri ta' l-ezercizzju tad-diskrezzjoni li huwa jjista' juza ai termini ta' l-*

*Artikolu 42(1)(b) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk strettament ai termini ta' dak provdut fis-subartikolu (3) ta' l-imsemmi Artikolu 42 l-uzu ta' dik id-diskrezzjoni ma ghandu bl-ebda mod jigi kontestat f'xi appell jew f'xi referenza maghmula lit-Tribunal.*

*Waqt it-trattazzjoni orali d-Difensur tar-Rikorrent issolleva kwistjoni ohra in bazi ghal liema jqis li t-talba ta' l-istess Rikorrent ghall-mahrfa jew ta' l-inqas ghat-tnaqqis ta' l-ammont minnu dovut lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghandha tigi milqugha, u cioè li ai termini tal-guriprudenza tal-Qorti Ewropeja tal-Gustizzja mizuri punittivi ghandhom jigu imposti mill-awtorità pubblika biss f'kaz ta' mala fede u siccome r-Rikorrent ma agixxiex in mala fede il-mizuri punittivi imposti fuqu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud qatt ma messhom gew hekk imposti. It-Tribunal jibda biex josserva li ghandu r-riservi tieghu dwar kemm jista' u fil-fatt ghandu jidhol f'din il-kwistjoni sollevata mir-Rikorrent waqt it-trattazzjoni orali u dana billi din il-kwistjoni partikolari ma kenitx giet qabel sollevata fl-iskambju ta' korrispondenza bejn ir-Rikorrent u l-Kummissarju dwar it-talba ghall-mahfra jew ta' l-inqas tnaqqis ta' l-ammont dovut lid-Dipartiment u lanqas fir-Rikors ipprezentat mir-Rikorrent quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal. Din l-osservazzjoni hija bbazata fuq dak provdut fl-Artikolu 5(1) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta24 dwar ir-referenzi lit-Tribunal u cioè li riferenza lit-Tribunal fuq kull kwistjoni msemmija fl-Artikolu 44 ma tistax issir, sakemm ma tkunx tqajmet f'korrispondenza mal-Kummissarju25 u ghandha ssir bil-mezz ta' rikors bil-miktub li fih ikum hemm imnizzla l-fatti kollha rilevanti ghal dik il-kwistjoni u l-mod kif, fil-fehma ta' l-applikant, dik il-kwistjoni ghandha tigi deciza. Fi kwalunkwe kaz it-Tribunal ma jqisx li l-argument imressaq mir-Rikorrent waqt it-trattazzjoni orali huwa fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz gustifikat.*

*In sostenn tas-sottomissjoni tieghu r-Rikorrent ghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Avukat Lorraine Conti noe v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Appell Nru. 47/11*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Frar 2012 fejn gie osservat illi d-decizjoni tinhafirx il-penali jew jinhafirx l-imghax, jew parti minnhom, hija deskrizzjonali ghall-Kummissarju u/jew il-Bord, u mhux kompetenza ta' din il-Qorti li tissosstitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik ta' l-awtorità vestita b'dik id-*diskrezzjoni. *L-ezercizzju ta' diskrezzjoni mhix però wahda insindakabbli; hu implicitu w inerenti f'kull fakoltà diskrezzjonali moghtija lil xi awtorità jew ufficjal kompetenti, li dik id-diskrezzjoni trid tigi ezercitata bil-mod indikat26 mod li trid il-ligi u l-ordinament guridiku. Già fl-1981, Lord Halsburg, fil-kaz Sharp v. Wakefield kien osserva: "Discretion means when it is said that something is to be done within the discretion of the authorities that something is to be done according to the rules of reason and justice, not according to private opinion: ... according to law, and not humour. It is to be, not arbitrary, vague and fairful, but legal and regular." Fl-1925, Lord Wrenbury fil-kaz Roberts v. Hopwood osserva: "A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the case of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably." Fid-dritt pubbliku, ma tezisti ebda diskrezzjoni li hi assoluta u libera minn kull skrutinju. Wiesgha kemm hu wiesgha l-poter moghti lil xi awtorità, l-ezercizzju ta' dak il-poter huwa dejjem soggett ghall-kontroll mill-qrati. Fil-fatt, Wade & Farsyth fil-ktieb "Administrative Law" (Oxford Press, 7th Edit. 1994), jghidu, f'pagna 39 li "in a system based on the rule of law, unfettered governmental discretion is a contradiction in terms". Id-*diskrezzjoni, *fuq kollox, trid tigi ezercitata ragjonevolment, li ma jidhirx li gie hekk ezercitat f'dan il-kaz. Is-socjetà estera*

*ghamlet zball, però ma aggixxietx in mala fede, u stante c-cirkostanzi li si tratta minn socjetà estera li kienet qed tinnegozja ma entità ikkontrollata mill-Gvern, li l-materja dwar hlas o meno tal-VAT fil-kaz in ezami hija wahda kumplessa, u li d-dipartiment innifsu gie mitlub direzzjoni u ma tahx, din il-Qorti jidhrilha li l-Kummissarju kellu, ragjonevolament, juza d-diskrezzjoni tieghu u ma jinsistix fuq it-teknikalità tal-kaz b'mod daqshekk rigidu. Din il-Qorti taghmel taghha d-decizjoni tal-Qorti Ewropea tal-Gustizzja fil-kaz Commission of the European Communities v. The Hellenia Republic, moghtija fis-16 ta' Dicembru 1992, fejn intqal li trattandosi ta' "a technical infringement of a customs rule, the Greek customs authorities did not make a correct assessment of his intentions and that consequently the fine which they imposed on him was disproportionate." Hekk tara li hi s-sitwazzjoni f'dan il-kaz, u l-Kummissarju ghandu, ghalhekk, jirrevedi l-posizzjoni tieghu u jqis il-fatturi rilevanti kollha fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tieghu.*

*Fil-fehma tat-Tribunal il-principji citati mill-Qorti ta' l-Appell u l-osservazzjonijiet maghmula minnha fl-imsemmija sentenza "Conti noe v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" ma jsibux applikazzjoni fil-kaz in ezami ghaliex hawn ma hemmx sitwazzjoni ta' zball jew ta' ezercizzju diskrezzjonali rigidu w irragjonevoli tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud imma sitwazzjoni fejn ir-Rikorrent naqas milli jghaddi lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud flus li huwa kien gabar minghand in-nies bhala hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud u minnu dikjarati fid-denunzji tieghu, liema nuqqas tar-Rikorrent effettivament jammonta ghal misapproprjazzjoni. Fid-dawl ta' dan il-fatt ghalhekk ir-Rikorrent difficilment jista' jargumenta li da parte tieghu ma kien hemm ebda mala fede. Kif sewwa rilevat mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) l-ammonti li r-Rikorrent naqas milli jhallas meta huwa stess kien iddikjarahom fid-denunzji tieghu kienu flejjes dovuti lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u r-Rikorrent ma kellu l-*

*ebda dritt – tkun xi tkun ir-raguni fuq liema jittanta jerakdika l-iskuza tan-nuqqas ta' hlas ta' dawk l-ammonti – li jzomm dawk il-flus ghalih u juzhom ghall-iskopijiet tieghu. Ghalkemm ir-Rikorrent jargumenta li ma huwiex minnu li huwa zamm ammonti li kien gabar minghand in-nies bhala rapprezentanti t-taxxa fuq il-valur mizjud flok ma ghaddihom lid-Dipartiment, il-prova ta' dan in-nuqqas da parte tieghu tirrizulta mid-dokument Dok. "RS3" esebit minn Roderick Sultana a fol. 87 sa' 105 tal-process.*

*Konsegwentement ghalhekk il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kien gustifikat f'li jimponi short payment penalty fuq ir-Rikorrent u li japplika l-imghax relattiv ghan-nuqqas ta' hlas ta' l-imsemmija penali.*

*It-Tribunal josserva li ghall-istess ragunijiet moghtija hawn fuq fil-kaz in ezami ma jistax jadotta jew jaghmel rakkomandazzjoni simili ghal dik maghmula mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet* ***Francis Tirchett pro et noe et v. Kummissjunarju Elettorali Principali et, Rikors Nru. 167/06*** *deciza fis-26 ta' Gunju 2007, fil-parti konklussiva tas-sentenza, u dan ghar-raguni illi kieku kellu jagixxi bil-mod kif jippretendi r-Rikorrent ikun effettivament qed jaghti l-barka tieghu ghall-misapproprjazzjoni ta' fondi li huma dovuti mit-taxpayer lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.*

*Fid-dawl ta' dan kollu appena osservat jirrizulta li t-talba tar-Rikorrent minnu avvanzata bir-Rikorsipprezentat fid-29 ta' Novembru 2010 ma hijiex gustifikata u b'hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jichad it-talba tar-Rikorrent minnu avvanzata bir-Rikors ipprezentat fid-29 ta' Novembru 2010.*

*L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mir-Rikorrent.*

*Ai termini ta' l-Artikolu 5(3) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jordna li kopja ta' din id-decizjoni tigi notifikata lir-Rikorrent".*

Illi l-appellanti Joseph Spiteri iressaq is-segwenti aggravvji minn din id-decizjoni:

1. Illi t-Tribunal ghamel apprezzament hazin tal-fatti li irrizultaw fil-mori tal-proceduri.
2. Illi t-Tribunal irrikorra ghal principji zbaljati fil-gudikat tieghu.

Illi minn qari tal-impunjattiva imressqa ‘il quddiem mill-appellanti huwa bil-wisq evidenti illi dawn huma ibbazati fuq kwestjonijiet ta’ dritt li qatt ma gew devoluti ghal gudizzju tat-Tribunal. L-appellanti issa fi stadju ta’ appell jikkontendi illi l-Kummisarrju appellat qieghed jesigi minn ghandu hlas ta’ imghaxijiet li imorru oltre ir-rata stabbilita fil-ligi ta’ 8% u kwindi huma illegali. Illi dan il-punt ta’ dritt qatt ma kien jifforma l-mertu tal-kontroversja soggetta ghall-iskrutinju tat-Tribunal billi l-appellanti sejjes ir-referenza tieghu abbazi ta’ dak dispost fl-artikolu 44(i),(j) u (k) tal-Kapitolu 406 u dan fuq il-premessa illi huwa jista’ jigi ikklassifikat bhala *social case*, ghandu redittu baxx billi huwa pensjonant u ghandu ghak-karigu tieghu l-mara anzjana, huwa li huwa dizabili u oltre dan ighin ukoll lil bintu li ghandha zewgt itfal ukoll bi bzonnijiet specjali. Kwindi talab illi it-Tribunal jahfirlu l-imghaxijiet u pieni amminsitrattivi imposti fuqu. Illi ma jidhirx illi l-appellanti sejjes il-kaz tieghu fuq il-mod kif saret il-komputazzjoni ta’l-imghaxijiet u l-multi kif issa qed jikkontendi u cioe’ li kien hemm vjolazzjoni tal-principju ta’ *ultra duplum* fid-dawl ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 21(4B) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta,

liema disposizzjoni tal-ligi ma kenitx ghada giet fis-sehh meta huwa ressaq il-kaz tieghu[1].

Illi din il-Qorti tirrepeti li l-appellanti fir-rikors ta'l-appell tieghu ssolleva diversi punti ta' ligi li ghalkemm ta' certu valur izda pero' m'humiex riflessi fis-sentenza appellta billi l-istess ma gewx espressament decizi. Illi d-dritt ghall-appell minn decizjonijiet moghtija mit-Tribunal jezisti biss fil-kazi meta kwistjonijiet ta' dritt kienu diskussi u definiti quddiemu. Kwindi biex sentenza mit-Tribunal tkun appellabbli hemm bzonn li dik il-kwistjoni ta' dritt tkun iffurmat kontroversja quddiemu bejn il-partijiet, u tkun giet deciza fis-sentenza appellata. L-ebda parti mid-decizjoni impunjata ma tikkontjeni fiha il-punt legali issa rimess ghad-decizjoni ta' din il-Qorti u lanqas ma jidher mill-atti illi qatt gie devolut dan il-punt ta' dritt ghall-konsiderazzjoni tat-Tribunal.

**"Mhux lecitu li s-socjeta` konvenuta tqajjem materji mhux trattata in Prim' Istanza quddiem il-Qorti ta' revizjoni kemm ghax dan ikun qed jissorprendi l-kontroparti u jipprivaha mid-dritt ghal doppio esami kif ukoll ghaliex il-Qorti ma ghandhiex bhala regola tippermetti li dan isir meta l-fatti li fuqhom dawn il-kontestazzjonijiet ikunu bazati jkunu ovvjament diga` sewwa maghrufa lill-appellant nomine qabel u waqt it-trattazzjoni tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti.[2]"**

Fl-istess vena inghad:

**"Il-kwistjoni ta' dritt li fuqha jigi bazat l-appell trid tkun kwistjoni li ffurmat kontroversja quddiem l-ewwel Qorti bejn il-partijiet u giet deciza bis-sentenza appellata; u ghalhekk fl-appell ma jistghux jingiebu motivi ta' aggravji li ma gewx dedotti quddiem l-ewwel Qorti; ghax la ma gewx hemm dedotti, ma hemmx decizjoni fuqhom.**

---

[1] Illi l-artikolu 21(4B) gie fis-sehh fl-1 ta' Jannar 2012 in forza ta' dak dispost fl-artikolu 61 u 58(2) tal-Att numru V tal-2012.

[2] Gasan Insurance Agency Limited noe vs Parnis England Trucking Ltd. App.Inf. 12/01/2005

**Il-Qorti ta` l-Appell hija qorti ta' revizjoni u ghalhekk hija prekluza milli tindaga dwar, u tindirizza, elementi godda li ma jirrizultawx fil-prima istanza u li konsegwentement ma hemm ebda decizjoni dwarhom. Dana mhux biss inkwantu tali ndagini tkun tinnecessita is-smigh ta' provi godda fuq il-kwistjoni gdida sollevata fir-rikors tal-appell, liema provi ma jirrizultawx fil-process, izda wkoll billi b'kull decizjoni f'dan li stadju fuq materja gdida li ma kienitx mertu tas-sentenza appellata jigi lez id-dritt tal-partijiet ghad-doppio esame. Dan id-dritt jigi nieqes kemm-il darba din il-Qorti kellha tindirizza l-aggravju kif prospettat fir-rikors ta' l-appell li ma ghandu x'jaqsam xejn ma' dak li gie diskuss quddiem l-ewwel qorti.[3]"**

Premess dan, allura, din il-Qorti, fi stadju ta' appell hija prekluza milli tezamina l-punt ta' dritt "gdid" devolut issa mill-appellanti ghal gudizzju taghha u ghalhekk dan l-aggravvju ma jistax isib akkoljiment.

Illi finalment fir-rigward tal-aggravvju fejn l-appellanti jilmenta mill-fatt illi t-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-provi li kellu quddiemu, madanakollu ma jispecifikax fl-appell minnu interpost fejn dan sehh. Illi il-Kummissarrju appellat jilqa' ghal dan il-gravam billi jissolleva il-pregudizzjali dwar in-nullita ta'l-istess billi ma jinkwadrawx ruhhom f'dak dispost fl-artikolu 47(1) tal-Att, dwar id-dritt ta'l-appell mid-decizjonijiet tat-Tribunal illi jaghti dana il-jedd limitatament fuq punt ta' dritt biss. Illi il-Kummissarju appellat gahndu ragun u kwindi dan l-aggravvju huwa inammissibbli u qed jigi wkoll rigettat. Illi l-istess jista' jinghad ghar-rigward tal-ilment sottopost mill-appellanti fir-rigward ta'l-interpretazzjoni moghtija mit-Tribunal tad-decizjoni "Avukat Lorraine Conti noe vs Kummissarju tat-Taxxi Interni" u dan sa fejn l-istess kienet titratta d-diskrezzjoni ezercitata mill-Kummissarju ai termini ta'l-artikolu 42 ta'l-Att u dan ghaliex it-Tribunal ma sabx applikazzjoni ghall-insenjament maghmul minn din il-Qorti kif kollegjalment komposta fid-decizjoni taghha tal-24 ta' Frar 2012 billi qies illi l-fattispecje tal-kaz ma kenux jittaljaw ma' dak in dizamina fejn

[3] Carmel Tabone et vsDavid Tabone – App.Sup. 31/01/2003

allura mill-apprezzament maghmul mit-Tribunal adit tal-provi irrizulta il-*mala fede* ta'l-appellanti u dan meta huwa ikkometta misapproprazzjoni tal-flus li kellu ighaddi lill-Kummissarju bhala dik it-taxxa migbura minnu ghas-servizzi u prodotti mibjugha. Illi dan l-apprezzament hekk maghmul ma huwiex issa sindikabbli minn din il-Qorti u gjaldarba huwa car illi s-sentenza li qieghed jistrieh fuqha l-appellanti ghandha issib applikazzjoni biss f'dawk il-kazijiet fejn ikun hemm sitwazzjoni ta' zball jew ta' ezercizzju diskrezzjonali rigidu w irragjonevoli, haga li ma sehhitx f'dana il-kaz, allura lanqas dan l-ilment ma jista' isib akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tichad l-aggravvji imressqa mill-appellanti billi l-istess huma inammissibbli u ghalhekk tikkonferma d-decizjoni appellata. Bl-ispejjez kontra l-appellanti.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur